# WERQA MALTIJA

(Lis-Sur Nin Cremona li tani b'tifkira
ktieb il-għanjiet tiegħu "Weraq mar-Riħ".)

Vassalli fik ieħor jien nilmaħ
Mehdi f'żogħżitek bil-ħedma,
Titgħallem u tifli l-Lsien Malti
Kienet din tiegħek il-fehma.

Kien dejjem ħabibek ilsien'na,
Ġmielu għaraftu bis-sedqa
Bil-għaraq ta' ġbinek saqqejtu,
Ktibtu bil-għaqal u r-reqqa.

Ewlieni mal-aqwa kittieba
Tħawtel u magħhom tissiħeb :
L-imħabba ta' lsienna sabiħa
Tnissel, biex tajjeb jinkiteb.

U meta ħatruk biex il-Malti
Tgħallem, għal żmien, fil-għaxija,
Għaraft kull tfixkil malajr tirbaħ,
Tiegħu urejtna s-sbuħija.

Saħħartna bil-ġrajja ta' lsien'na :
Dmirek, ja Malti, għamiltu ;
Fiż-żgħażagħ żrajt tiegħek it-tama,
Għerfek qassamtu u ħaddimtu,

Fil-ġrajja minqux jinsab jeddek :
Ismek fi ħsiebi rekkintu
Niftakar sakemm intemm ħajti
Li minnek il-Malti tgħallimtu.

M Agius.

Villa Lia
5 ta' Mejju 1932.

Bħala l-ewwel warda li fetħet minn xitla żagħżugħa, għaddejnihielu għall-"Il-Malti" din il-Werqa Maltija lil M. Agius.

Ma fihiex poeżija kbira, imma l-versi—wieħed tad-disgħa u l-ieħor tat-tmienja—maħdumin ġmielhom : u għandna tama li l-quddiem jatina xi ħaġa aħjar. Aħna dejjem nixtiequ nagħmlu l-qalb. N. t. D.